# Lejn ċittadinanza **aktar effettiva** fost iż-żgħażagħ

Kemm żgħażagħ jagħtu kas ta' kif jistgħu jkunu ċittadini aktar attivi fis-soċjetà li jgħixu fiha, kemm f'pajjiżhom kif ukoll fl-Unjoni Ewropea? Kemm żgħażagħ iħossu l-bżonn li jagħtu kontribut bil-veduti tagħhom dwar it-tmexxija ta' pajjiżhom, biex il-politika tkun tirrifletti dak li jixtiequ jaraw għall-ġid ta' kulħadd? L-UE qiegħda kulma tmur toħloq numru ta' għodod differenti biex jiżdied il-livell ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fis-soċjetà. Madankollu, għad hemm ħafna żgħażagħ li jaħsbu li biex tkun attiv bħala ċittadin tinvolvi affarijiet kbar.

Għaldaqstant, il-Ministri tas-27 Stat tal-UE responsabbli mill-Edukazzjoni dan l-aħħar iddiskutew l-edukazzjoni attiva waqt laqgħa informali bejniethom. Il-Ministri qablu dwar l-importanza li għandha tingħata lil dan is-suġġett biex jinkoraġġixxu aktar żgħażagħ jipparteċipaw fil-ħajja ekonomika, politika u kulturali tal-UE, u tkellmu dwar:

- il-bżonn li tiġi żviluppata "kuxjenza finanzjarja" fost iż-żgħażagħ, biex jitrawmu aktar bħala ċittadini Ewropej responsabbli;
- li ż-żgħażagħ għandhom ikunu mħeġġa jagħtu kontribut lejn il-problemi tal-pajjiż;
- il-ħiliet prattiċi u l-attitudnijiet differenti li għandhom ikunu adottati b'tali mod li l-affarijiet teoretiċi li jkunu tgħallmu ż-żgħażagħ fl-iskejjel jużawhom fil-prattika fil-ħajja ta' kuljum;
- il-*bullying* fl-iskejjel li jista' jwassal biex ċittadini jkunu anqas attivi fil-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà. Għalhekk għandhom jinħolqu aktar opportunitajiet biex din il-problema tonqos permezz ta' edukazzjoni għal ċittadinanza aktar attiva.

Il-Presidenza preżenti tal-Kunsill tal-UE mmexxija mill-Ungerija qiegħda tħeġġeġ lill-pajjiżi membri biex jaħdmu flimkien u jinvolvu kemm jista' jkun lis-soċjetà ċivili fejn l-għaqdiet volontarji jaħdmu favur parteċipazzjoni aktar b'saħħitha fis-soċjetà.



MEU SAC Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt

Avviż bi ħlas